# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Chris Pullicino]

[Spettur Robert Vella]

vs

Clayton Cremona

-Omissis-

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 609/11

Illum, 21 ta' Marzu 2022

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Clayton Cremona detentur tal-karta tal-identita` numru 442185M u -Omissis- u -Omissis-akkuzat talli:

1. Nhar is-7 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 1630hrs gewwa Santa Venera, ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li waqt kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuh jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vojolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorità kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-surgent PS430 Andrew St John hekk kif gie ccertifikat minn Dr Agnes Cachia MD tal-isptar Mater Dei;

4. U aktar talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data f'diversi imkejjen f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda gabu ruhom b'mod li taw fastidju lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone u/jew b'mod li kienu jafu jew misshom kienu jafu li dan kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuni;

5. U aktar talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data f'diversi imkejjen f'dawn il-gzejjer l-imgieba taghhom ikkagunat biza' lil Kimberley Cutajar u Diane Tabone li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjetà taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Art. 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil -Omissis-

6. -Omissis-

7. -Omissis-

Lil Clayton Cremona wahdu akkuzat ukoll talli:

8. Nhar is-7 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 1630hrs gewwa Santa Venera, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' PS430 Andrew St John f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi saq vettura CAC483 fid-direzzjoni ta' l-imsemmi surgent tal-Pulizija u sussegwentement rassu mal-hajt bl-istess vettura, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghhu;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' vettura Peugeot numru ta' registrazzjoni CAC483 u diversi oggetti u flus kontanti li kien hemm fl-istess vettura liema serq

huwa kkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta' PS430 Andrew St John u/jew persuna/i ohra;

10.U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura tat-tip Honda Del Sol bin-numru tar-registrazzjoni CBF879, liema hsara li tiskorri elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro saret ghad-dannu ta' Diana Tabone u/jew persuna/i ohra;

11.U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u f'imkejjen ohra f'dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura tat-tip Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CAC483, liema hsara li tiskorri elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu tal-ewro saret ghad-dannu ta' PS430 Andrew St John u/jew persuna/i ohra;

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAC483, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz;

13. U aktar talli ikkommetta reat/delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi, liema sentenzi huma definittivi u datati 23 ta' Gunju, 2010 u 22 ta' Ottubru 2010;

14. U aktar talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lil -Omissis- u Clayton Cremona milli jkollhom jew milli jiksbu licenzja tas-sewqan ghall-dak iz-zmien li jidhrilha l-Onorabbli Qorti;

Il-Qorti giet ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni offizi cioe` Kimberley Cutajar, Diana Tabone u PS430 St John

jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuni msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati skond l-artikolu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba wkoll illi f'kaz ta' htija, tikkundanna lil akkuzati ihallsu l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju elfejn u tlettax (2013) fejn elenka l-Artikoli taht liema tista' tinstab htija jew htijiet:

a) Fl-artikoli 95(1), 96(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 18, 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251B(1)(2), 251C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 41(1)(a), 218(1)(a)(b)(2), 261, 267, 271(g), 279(a)(b), 280(1), 281(a), 325(1)(a)(b), 28B, 28C, 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 15 (1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 17, 31, 383, 384, 385, 412C U 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq incident li gara gewwa Santa Venera fejn allegatament l-imputat seraq vettura, ikkawza hsarat fuq vettura ohra, wegga' lill-ufficcjal tal-Pulizija u haraq l-istess vettura li seraq.

Illi xehed **PS 430 Andrew St. John** li qal li kien isuq gewwa Santa Venera fejn innota karozza ssegwi karozza ohra u ssuq bi *speed* eccessiv. Ix-xhud identifika l-imputat Clayton Cremona fl-Awla bhala l-passiggier li kien quddiem gewwa din il-vettura. Ix-xhud ra lill-istess imputat jigri barra mill-karozza u jigbor xi haga mit-triq u dahal fil-karozza tal-istess xhud. L-imputat irnexxielu jistartja l-vettura u saq ghal fuq ix-xhud u ghal fuq vettura ohra (Honda). Spjega li rnexxielu jwarrab izda l-imputat spicca farrak vettura tal-ghamla Honda. Ix-xhud irnexxielu jidhol fil-vettura tieghu la kienet wieqfa, qabad lill-imputat minn ghonqu u dak il-hin l-imputat beda jsuq. Ix-xhud spjega li beda jitkaxkar bejn il-hajt u l-karozza u ghalhekk telaq lill-imputat u spicca mal-art. Mar hdejn iz-zewg imputati l-ohra li kienu qed ifittxu c-cavetta tal-vettura taghhom li kienet f'idejn ix-xhud. Wara dan kollu x-xhud sab ruhu f'ambulanza minhabba l-griehi li sofra. Zied jghid li fil-vettura tieghu kellu *envelope* tal-BOV b'elfejn ewro (€2,000) fi flus kontanti, *wallet* b'cirka sebghin ewro (€70), visas u l-card tieghu tal-Pulizija, u fil-bagoll kellu zewg kaxxi (vacuum cleaner gdid) b'valur totali ta' mitejn ewro (€200). Meta kien l-isptar gie infurmat li l-vettura tieghu nstabet mahruqa gewwa l-Hamrun. Qal li dam jumejn l-isptar pero` kellu

jerga' jmur minhabba periklu ta' trombozi. Ix-xhud esebixxa certifikat mediku (Dok. AS2) liema certifikat jikklassifika l-griehi bhala '*slight save complications'.* Ix-xhud esebixxa wkoll *survey report* fejn il-vettura giet iddikjarata bhala *scrap.* Il-valur tal-vettura huwa wkoll imnizzel fl-istess rapport (Dok. ASJ1). Qal li l-vettura hija taz-zija tieghu li tghix Franza u li huwa ghandu awtorizzazzjoni jsuq l-istess vettura. Peress li kienet inxurjata *third party* ma kien hemm l-ebda kumpens.

Illi xehed **PC655 Ryan Mifsud Schembri** li qal li fis-7 ta' Mejju 2011 gie nfurmat li nsterqet karozza ta' surgent. X'hin wasal fuq il-post ra lill-PS430 jipprova jzomm zewg persuni milli jaharbu minn fuq il-post u dak il-hin arrestaw lil Travis u lil Bradley. Qal li cempel ambulanza ghas-surgent PS 430 ghaliex rah mal-art bid-demm f'idu u jitriegħed taht xokk.

Illi xehed **PC766 Sergio Schiavone**, stazzjonat il-*Mobile Squad* fejn qal li dakinhar tal-incident, kienet dahlet sejha fil-*Control Room* li s-Surgent Andrew St. John kien qieghed involut f'argument. Ix-xhud jghid li x'hin marru fuq il-post, ra lis-Surgent St. John izomm zewg

persuni, bl-isem ta' Trevis Xuereb u Bradley Xuereb, liema zewg min-nies, ix-xhud iddentifika gewwa l-Awla. Ix-xhud spjega li arrestaw dawn iz-zewg min-nies u cemplu ghall-ambulanza biex tassisti lis-Surgent l-isptar. Spjega li s-Surgent St. John kien qalilhom li kienu rassewh bil-karozza li mbaghad serqu minn fuq il-post.

Illi xehed l-**Ispettur Chris Pullicino** li esebixxa l-istqarrija tal-imputat (Dok. CP9) u r-rifjut ghall-parir legali (Dok. CP14). Huwa gharaf lill-imputat fl-awla.

Rat illi fl-istqarrija tieghu l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda.

Illi xehdet **Kimberley Cutajar** li qalet li kienet passiggiera fil-karozza tal-ghamla Honda Del Sol tal-habiba taghha Diana Tabone. Spjegat li semghu *brake* qawwi u ndunaw li kien l-eks tax-xhud Bradley Xuereb. Tispjega li saqu warajhom fejn imbaghad qabzuhom u gew ezatt quddiemhom biex ix-xhud u l-habiba taghha ma setghux jghaddu. Tispjega li wara ftit irnexxielhom iduru l-isfel fejn sabu karozza pparkjata quddiemhom ta' kulur ahmar, li kienet il-karozza tas-Surgent Andrew St. John. Spjegat li wiehed mill-irgiel li kien hemm

fil-karozza ta' Bradley Xuereb hareg jigri mill-karozza u dahal fil-karozza tas-Surgent fejn rass lis-Surgent mal-hajt u baqa' sejjer. Ix-xhud m'gharfitx lill-imputat gewwa l-Awla ghaliex tghid li dakinhar tal-incident ma setghetx tara wicc il-persuna li dahal jigri fil-karozza tas-Surgent.

Illi xehdet **Diana Tabone** li qalet li kienet mal-habiba taghha Kimberly Cutajar u nnutaw li l-eks taghha kien qed jiffolowjaha b'vettura tat-tip Escort. Kimberly talbitha biex ma tieqafx bil-karozza u hekk ghamlet sakemm waslu fejn il-logog tal-Hamrun. Sabu karozza Peugeot fejn ix-xufier rahom ippanikjati u kkalmahom peress li kien CID. L-istess CID mar biex ikellem lill-persuni li kienu fl-Escort. Dawn bdew jirriversjaw u mbaghad hargu kollha f'daqqa. Raw lis-CID jidhol nofs fl-Escort fejn hadilhom ic-cavetta. Persuna minnhom imbaghad dahal fil-karozza tas-CID u rriversja ghal fuq il-karozza taghha. Imbaghad harab u s-CID mar jigri warajh nofsu gol-karozza fejn l-imputat laqtu mal-hajt u baqa' sejjer. Qalet li kellu minn fejn jghaddi pero` laqat lis-CID mal-hajt u dan, skont ix-xhud, apposta. Ziedet tghid li garbet hsarat fil-vettura taghha. Gewipprezentati Dok. DT1 u DT 2 li jikkonsistu f'*surveyor report*. Ix-xhud gharfet biss lil Bradley

u Trevis Xuereb. Hija ma tafx lill-imputat u lanqas ma setghet taghrfu fl-awla.

Illi xehed **PS1314 Raymond Ambrogio** li esebixxa r-rapport tal-incident li gie mmarkat Dok. RA1.

Illi xehed **PC 1066 Antoine Guillaumier** li mar fuq il-post u sab karozza Peugeot 306 qed taqbad. Kienet ghadha tidher in-*number plate* li kienet CAC 483.

Illi xehed **Brian Farrugia** li qal li l-vettura CBF 879 (Honda silver) hija registrata f'isem Diane Tabone, il-vettura CAC 483 (Peugeot hamra) hija registrata f'isem Mary Antoinette Miniches u l-vettura EAU 629 (Escort bajda) hija registrata f'isem Emanuel Xuereb – dan kollu gie esebit bhala Dok. BF1.

Illi xehdet **Dr. Agnes Cachia** li kkonfermat ic-certifikat li hija rrilaxxat lil Andrew St. John.

Illi xehdet **Stephanie Zarb** li pprezentat elenku ta' telefonati bejn zewg numri (Dok. SZ1 u SZ2) pero` qalet li ma gietx mitluba tghid fuq min dawn in-numri kienu rregistrati.

Illi xehed **PS826 Matthew Parnis** li qal li kien gie nominat bhala *scene of crime officer* fejn esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata 'Dok MP1' u zewg pakketti li gew immarkati 'Dok MP2' u 'Dok MP3'. Huwa spjega li eleva bicca blokka suspettata *resin* li nstabet fid-*dashbord* tal-vettura *Escort*, *lifters* li huma *blood swabs* u kif ukoll lieva ta' lewn orangjo.

Illi xehed ukoll l-espert **Godwin Sammut** li esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala 'Dok GS1' fejn analizza s-sustanza tal-lewn kannella u kkonkluda li tikkonsisti f'sustanza li tigi mill-pjanta *cannabis*.

Illi xehed l-espert **Dr Martin Bajada** li hareg il-kontenut ta' numri ta' cellulari. Ir-relazzjoni tieghu giet esebita bhala 'Dok MB'.

Illi xehed **PS1261 Charles Pace** li pprezenta 90 ritratt li jikkonsistu fost ohrajn f'ritratti tal-vettura Peugeot, tal-vettura *Honda* u tal-vettura *Escort.* Din ir-relazzjoni giet immarkata bhala 'Dok CP1'.

Illi xehed **PC1253 Frederick Brincat** li pprezenta 43 ritratt tal-persuna ta' Trevis Xuereb, Andrew St John u Bradley Xuereb. Dan ir-rapport gie mmarkat bhala 'Dok FB1'.

Illi xehed l-espert **Profs. Alfred Vella** li esebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala 'Dok AV1'. Huwa kkonkluda li l-hruq tal-vettura *Peugeot* kienet x'aktarx ta' natura doluza.

Illi xehed l-espert **Dr. Richard Sladden** li gie mahtur sabiex ihejji elenku tal-oggetti misruqa, jindika l-valur tal-istess oggetti, jaghmel stimi tal-hsarat, jisma' x-xhieda u jirrelata dwar dan kollu. Huwa esebixxa rapport li gie mmarkat bhala 'Dok RS1'.

Illi xehed l-**Ispettur Chris Pullicino** li esebixxa sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Clayton Cremona* moghtija fit-tlieta (3) ta' Gunju 2008 (Dok CPX), kif ukoll sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Steve Spiteri u*

*Clayton Cremona* datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru 2009 (Dok CPY). L-istess Spettur ghamel accenn fuq il-fatt li fl-istqarrija ta' Bradley Xuereb kien hareg il-punt illi l-karozza tas-surgent Andrew St John kienet ittiehdet minn fuq il-post u nstaqet minn Clayton Cremona.

Illi xehed l-**Ispettur Joseph Mercieca** fejn ikkonferma li huwa kien l-Ispettur investigattiv fis-sentenzi li gewipprezentati mill-Ispettur Pullicino u cioe` Dok. CPX u Dok. CPY (a folio 494 et sequitur).

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013 inqraw l-artikoli u l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi bhala provi difiza l-imputat ressaq lil **Bradley Xuereb** fejn stqarr li huwa jaf lill-imputat minn mindu kienu zghar. Qal li kien hemm incident f'Mejju tas-sena 2011 fejn anki ttiehdu passi fil-konfront tieghu u ta' huh. Qal li l-proceduri nqatghu u wehel ordni ta' *probation.* Spjega li dakinhar tal-incident fil-karozza tieghu kienu huwa, huh u certu Keith Cremona. Meta ghaddew il-pjazza tal-

Hamrun raw lil Clayton Cremona u dahal fil-vettura tax-xhud. Sakemm ipparkja ghaddiet it-tfajla tieghu ma' habiba u beda jsuq warajha. Dam isuq warajha u meta lahaq maghha dar u waqaf u s-Surgent St. John gie jhabbatlu mal-bonnet biex jinzel u jtih ic-cavetta. Qal li s-Surgent qatt ma ddentifika ruhu maghhom u ma kienx liebes l-uniformi u lanqas ma kien qed isuq karozza tal-pulizija. Skont ix-xhud is-Surgent nizel jigri ghal fuqhom. Zied jghid li Clayton Cremona, Keith Cremona u huh nizlu mill-karozza mentri huwa baqa' fiha jzomm ic-cavetta. Keith Cremona ghamillu sinjal u qallu li ser jitlaq u Clayton Cremona telaq warajh. Telqu man-nizla tal-pompa tal-petrol. Skont ix-xhud: *"Ftit wara bdejt nisma' tghaqid u kummiedji tal-karozza, telaq minn hdejja dan St. John u rajt as such anqas nista' nghid illi rajt ghax jiena kont qieghed gol-bieba hiereg ezatti. Xebgha tghaqid u hekk, gie St. John fuqi issa u bhal speci biex jipprova jarrestani u sadanittant lanqas qalli li Pulizija."* Wara dan beda jghid lit-tfajliet biex icemplu lill-pulizija fejn waslu erba' karozzi u ambulanza. Skont ix-xhud x'hin is-Surgent St. John ra l-ambulanza "*qabad litteralment imtedd mal-art... qisu taparsi miet dan."* Wara gie arrestat. Mistoqsi jekk giex arrestat l-imputat qal li zgur li le ghaliex l-imputat u Keith Cremona kienu ilhom li telqu. Qal

li meta kien id-Depot l-Ispettur Chris Pullicino riedu bilfors jitfa' kollox fuq Clayton u Keith Cremona. Qal li ma riedx jitkellem u bdew isawtuh. Qal li kienu mieghu pero` kienu telqu. L-Ispettur Pullicino qallu li jekk ma jitfax kollox fuq Clayton u Keith Cremona kien jispicca akkuzat. Skont ix-xhud dak li kien qed jghid ma kienx qed jintghogob mill-Ispettur Pullicino. Mistoqsi jekk ra xi haga tigri bejn is-Surgent St. John u Clayton Cremona qal hekk: *"Le u jigifieri anqas it-tfajliet ghax meta xehdu t-tfajliet anqas biss rawhom."* Mistoqsi dwar is-swat mill-Prosekuzzjoni qal li waqt li kien id-Depot gie msawwat u haduh il-Polyclinic fejn kellu griehi f'dahru. Mistoqsi jekk waqt l-istqarrija gie mhedded qal: *"direttament le."* Ix-xhud rega' kkonferma li ra lil Clayton u Keith Cremona jitilqu u li dawn telqu bil-mixi fuq il-post u telqu min-naha tan-nizla hdejn il-pompa tal-petrol. Zied jghid li l-ewwel telaq Keith, imbaghad rega' gie ghax halla l-*mobile* fil-karozza mbaghad telaq Clayton. Mistoqsi jekk jiftakarx lill-imputat jirkeb fil-karozza tas-Surgent irrisponda: *"U zgur li le. Jiena anqas biss rajtha l-karozza tas-Surgent ghax kelli karozza quddiemi."* Konfrontat bl-istqarrija tieghu tat-8 ta' Mejju 2011 fejn qal li ra lil Keith jitlaq bil-mixi u lil Clayton Cremona rah jirkeb il-vettura tal-Pulizija, qal li mhux vera u li ma qalx dawk il-kliem.

Illi **Kimberley Cutajar** fl-istqarrija taghha qalet li fil-gurnata tal-incident, kienet iltaqghet mal-habiba taghha Diana Tabone gewwa d-dar ta' Kimberley stess. Qalet li hi u habibtha marru flimkien ic-cimiterju u wara marru ghand habiba ohra taghhom bl-isem ta' Naomi Buhagiar gewwa Santa Venera. Qalet li kif telqu minghand Naomi, kisru ghal go *side street* ta' hdejn il-*Lidl* ta' Santa Venera fejn hemmhekk, semghu *break*. Irrealizzaw li ta' warajhom, li kien qieghed isuq Escort bin-numru tar-registrazzjoni EAU629 kien wasal vicin hafna tal-karozza taghhom fejn Kimberley irrealizzat li l-persuna kien certu Bradley Xuereb li kien l-gharus taghha sa xi zmien qabel. Spjegat li l-habiba taghha Diana baqghet issuq izda Bradley baqa' jsuq vicin hafna taghhom. Qalet li kif waslu hdejn pompa tal-petrol, Bradley qabizhom bil-karozza tieghu u sakkar il-karozza taghhom billi waqqaf il-karozza tieghu quddiem ta' Diana. Spjegat li Diana rnexxielha tikser 'l isfel fi triq ohra fejn iz-zewg tfajliet setghu jaraw li Bradley hareg mill-karozza tieghu u beda miexi lejhom. Dak il-hin, quddiem il-karozza ta' Diana waqfet karozza ohra hamra fejn ix-xufier nizel mill-karozza u ddentifika ruhu bhala surgent tal-pulizija u qalilhom li kien ser jassistihom u wara li qalilhom hekk, baqa' sejjer ikellem lil Bradley. Dan ir-ragel qal lil Bradley li hu pulizija

tas-CID u Kimberly qalet, li milli setghet tifhem hi, dak il-hin, Bradley beda jirriversja l-karozza biex jipprova jahrab mill-pulizija. Tishaq li l-pulizija beda jipprova jwaqqaf lil Bradley milli jsuq. Qalet li f'hin minnhom, Bradley waqaf isuq u t-tlieta li kienu mieghu kollha nizlu mill-karozza. Qalet li wiehed min-nies zamm lis-surgent minn idu u qalet li semghet lis-surgent jghajjat biex ma jmissuhx. Qalet li dak il-mument cemplet l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun. Spjegat li mbaghad rat lil xi hadd minn dawk li kienu qeghdin ma' Bradley jidhol fil-karozza tal-pulizija u jsuq ghal go fihom bil-konsegwenza li kisser il-karozza ta' Diana min-naha ta' quddiem. Qalet li l-pulizija kif irrealizza b'dan li kien qieghed jigri, mar ghan-naha tax-xufier tal-karozza tieghu stess u pprova jwaqqaf lil min kien qieghed go fiha izda dan beda jsuq il-karozza 'l quddiem u l-pulizija baqa' jigri mieghu. Dak il-hin, dak li kien qieghed isuq ghamel manuvra bil-karozza billi kiser l-*isteering* lejn in-naha fejn kien hemm is-surgent u rassu mal-hajt. Qalet li warajhom kien hemm karozza tal-*wardens* fejn marret tigri hdejhom sabiex titlobhom l-ghajnuna. Minn fuq il-post rat li gew arrestati Bradley u huh bl-isem ta' Travis.

Illi xehed **Dr. Joe Mifsud** li spjega li Kimberley Cutajar kienet klijenta tieghu fejn kienet qaltlu li l-eks taghha kien qieghed idejjaqha b'telefonati u messaggi u allura kien kiteb ittra lil Bradley Xuereb bhala forma ta' garanzija informali sabiex ma jersaqx lejn Kimberley Cutajar.

Illi xehed l-**Ispettur Chris Pullicino**, li spjega l-incident li kien sehh. Qal li PS430 Andrew St John li kien CID ukoll kien talab ghajnuna tal-pulizija minhabba li kien irraporta li waqt li ma kienx xoghol, kien iltaqa' ma' incident fejn diversi persuni kienu involuti f'argument u wiehed minn dawn irnexxielu jiehu u jitlaq minn fuq il-post, bil-karozza tas-surgent stess. Spjega li l-pulizija marru fuq il-post fejn sabu li PS430 kien qieghed jipprova jarresta lil Bradley Xuereb u huh Travis. Spjega li s-surgent kien jidher mugugh u allura kien intbaghat l-isptar permezz ta' ambulanza fejn kien gie ezaminat minn Dr. Agnes Cachia. Qal li s-surgent aktar tard spjega li kien ilu ghal certu distanza jsegwi l-movimenti bejn zewg vetturi, wahda tal-ghamla Escort bin-numru tar-registrazzjoni EAU 629 li fiha kien hemm erba' guvintur u Honda Delson bin-numru tar-registrazzjoni CBF 879 li fiha kien hemm zewg tfajliet. L-ispettur qal li s-surgent spjega s-

sitwazzjoni fejn identifika z-zewg guvintur l-ohra bl-isem ta' Clayton Cremona u huh Keith Cremona. L-ispettur spjega li Clayton Cremona kien il-persuna li gibed lejn il-karozza tas-surgent, rikeb go fiha, gibed ghal fuq is-surgent li dak il-hin kien fuq il-bankina, prova jtajjru u harab bil-karozza minn fuq il-post. Spjega li s-surgent irraporta wkoll illi gewwa l-karozza tieghu li ttiehdet minn fuq il-post kien hemm ukoll is-somma ta' elfejn ewro (€2,000), il-kartiera personali tieghu li kien hemm is-somma ta' madwar sebghin ewro (€70), ID card, licenzja tas-sewqan u numru ta' *credit cards.* L-ispettur xehed li ftit wara li sehh dan l-incident, kien gie rrapurtat ukoll illi kien hemm vettura li kienet qieghda taqbad fi Triq il-Fatati, il-Hamrun. Spjega li l-pulizija kienu marru hemm u mill-investigazzjonijiet li saru, irrizulta li dik kienet l-istess vettura tas-surgent li kienet ghadha kif ittiehdet minn Clayton Cremona. Spjega li kienet saret ukoll *search* fil-karozza ta' Bradley Xuereb tal-ghamla Ford Escort EAU 629 fejn instabet bicca blokka kannella li kienet issuspettata li hija kannabis. Il-vettura ttiehdet is-CID ghal aktar investigazzjonijiet. Xehed ukoll li avolja mill-post kienu gewwa arrestati Bradley u Travis Xuereb biss, aktar tard kienet dahlitilhom informazzjoni li Clayton u Keith Cremona, li kienu z-zewg guvintur l-

ohra fil-karozza ta' Bradley Xuereb meta sar l-incident fejn wegghu lis-surgent, kienu qeghdin jabskondu gewwa d-dar tan-nannu taghhom gewwa l-Birgu. Spjega li gew organizzati *team* ta' pulizija sabiex imorru u jekk isibuhom hemm, jarrestawhom. Il-pulizija kienu marru fuq il-post u arrestaw lil Clayton Cremona. Spjega li Clayton kien ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat u li ma jwegibx ghad-domandi kollha li kienu qed isirulu, filwaqt li kemm Bradley u Travis Xuereb kienu spjegaw fuq fuq kif kien gara l-incident, izda kienu evazivi hafna dwar il-persuna li harbet bil-karozza, li wara giet identifikata li hi Clayton Cremona, kif ukoll x'gara ezatt x'hin Clayton rass lis-surgent mal-hajt u baqa' sejjer.

Illi xehed **Joseph Sancto** li xoghlu kien ta' *warden* fejn xehed li fis-sebgha (7) ta' Mejju kien wasal fuq il-post f'Santa Venera u qal li kienu hu u *warden* ohra. Spjega li waqt li l-*warden* l-ohra kienet qieghda ssuq, giet tfajla tghajjat li ghandha bzonn l-ghajnuna. Spjega li raw pulizija jipprova jarresta guvnott u jkompli jghid li hu m'ghamel xejn ghaliex dak il-hin, gew pulizija ohra.

Illi xehed **l-Ispettur Robert Vella**, fejn ikkonferma x-xhieda tal-Ispettur Pullicino u kkonferma l-istqarrijiet li kienu ttiehdu.

Illi xehdet **Kimberley Cutajar** fejn id-difiza staqsietha jekk x'hin is-surgent intefa' mal-art dakinhar tal-incident, kienx intefa' minn jeddu jew tefghuh l-akkuzati. Wiegbet li ntefa' mal-art wahdu.

Illi xehdet **Diana Tabone**, fejn giet mistoqsija mid-difiza jekk is-surgent intefax mal-art minn jeddu jew le. Spjegat li waqa' mal-art x'hin gew il-pulizija.

Illi xehdet **Warden G563 Michelle Matilda Cassar** li spjegat li fis-7 ta' Mejju tal-2011, hi u Warden G576 Joseph Scinto kienu ghaddejjin bir-rotta taghhom fejn raw zewg vetturi weqfin f'nofs ta' triq. Spjegat li x'hin nizlu mill-karozza, gie fuqhom ragel jghajjat li hu CID u qalilhom li riedhom jghinuh sabiex izomm zewgt irgiel. Spjegat li dan ir-ragel tas-CID kien kollu demm. Qalet li Warden G576 mar jghin lis-CID filwaqt li hija cemplet lis-superjuri taghha biex igibu l-pulizija. Spjegat li l-irgiel li s-CID kien qed jipprova jzomm kienu zewg guvintur zghar. Mill-awla hija gharfet biss lil Trevis Xuereb.

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tal-atti processwali u tax-xhieda mressqa, kemm mill-Prosekuzzjoni u kif ukoll mid-Difiza, johrog car il-fatt li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-akkuzi dedotti kontra l-imputat oltre kull dubju dettat mir-raguni. Johrog car ukoll li hemm kunflitt fl-assjem tal-provi li jinsabu fl-atti odjerni.

Illi min-naha wahda, u cioe` da parti tal-Prosekuzzjoni, xehed il-parte civile, Andrew St. John, li kien l-uniku xhud li gharaf lill-imputat bhala l-bniedem li saq il-vettura tieghu. Ix-xhieda l-ohra kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni, fosthom ukoll xhieda okulari bhalma huma Kimberely Cutajar u Diana Tabone, qatt ma semmew lill-imputat fix-xhieda taghhom. Mhux talli hekk biss, talli waqt il-provi tad-difiza xehed Bradley Xuereb fejn qal l-oppost ta' dak li qal il-parte civile. Di fatti Bradley Xuereb qal li l-imputat ma rikibx il-vettura ta' Andrew St. John izda telaq bil-mixi fid-direzzjoni tal-pompa tal-petrol. Ghaldaqstant l-unici xhieda li semmew lill-imputat taw zewg verzjonijiet kontrastanti hafna ghal xulxin.

Illi apparti minn hekk il-Qorti tinnota li inizjalment kien hemm erba' imputati u mhux Clayton Cremona biss. Ghalhekk fil-fixkla tal-mument huwa possibbli li l-parte civile fixkel lill-imputat ma' imputat iehor u ghalhekk hawnhekk johrog l-element tad-dubju – b'mod specjali meta l-Qorti tara x-xhieda ta' Bradley Xuereb li huwa ferm differenti.

Illi ghalhekk meta l-Qorti thares lejn il-provi mressqa miz-zewg nahat tara li hemm kunflitt fil-provi. Konfrontata b'dawn il-verzjonijiet konfliggenti, f'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn intqal li: *"jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor."*

L-istess insenjament giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012 fejn intqal hekk: *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja*."

Fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet li *"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx."*

Illi apparti l-kuntrast fil-provi, il-Qorti tinnota li ma ngabux provi ohra kontra l-imputat. Di fatti hemm nuqqas fl-atti processwali ta' provi kontra l-imputat tant li minn imkien ma jirrizulta xi forma ta' ngurja jew theddid u ghalhekk ma tistax tirrizulta l-ewwel (1) akkuza.

Bl-istess mod ma jirrizultawx t-tieni (2), it-tielet (3) u s-sitt (6) akkuzi fuq bazi ta' kunflitt ta' provi.

Illi ghar-rigward ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza, ma ngabet l-ebda prova dwar dan mill-Prosekuzzjoni. Mhux talli hekk, talli Kimberley Cutajar u Diana Tabone lanqas biss isemmu lill-imputat waqt id-deposizzjoni taghhom u di fatti lanqas gharfu lill-imputat fl-awla.

Illi fir-rigward tas-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) akkuza, il-fatt li jezisti dubju serju minhabba l-kunflitt fil-provi mressqa u provi li ma gewx ikkorroborati, il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre d-dubju dettat mir-raguni li kien l-imputat li seraq il-vettura ta' Andrew St. John, jew li seraq flus li jappartjenu lill-parte civile. Bl-istess mod ma tezisti l-ebda prova li kien l-imputat li haraq il-vettura tal-parte civile jew li saq b'manjiera perikoluza.

Illi fil-kaz odjern evalwat dan il-kuntrast fil-provi u l-fatt li ma jezistux provi alternattivi kontra l-imputat, il-Qorti ma tistax tkun konvinta oltre kull dubju ragjonevoli illi l-imputat huwa hati tar-reati addebitati lilu.

Illi fil-kamp kriminali huwa ben risaput li meta hemm l-icken dubju dan ghandu jmur a favur tal-imputat.

Illi apparti minn hekk fil-kamp kriminali huwa wkoll ben risaput illi jispetta propju l-Prosekuzzjoni li ggib l-ahjar prova u tipprova l-kaz taghha. Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel dan.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Clayton Cremona hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

---------------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**